Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

14218/14
(OR. en)

PRESSE 520
PR CO 50

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3338 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Lussemburgu, 14 ta' Ottubru 2014

President **Pier Carlo Padoan**
Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi tal-Italja

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6083 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill qabel rigward ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva li testendi l-ambitu għall-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa biex b'hekk ikunu jistgħu **jiġġieldu** b'mod aħjar **l-evażjoni tat-taxxa** u jtejbu l-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxi.*

*Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar **"miżuri li jappoġġaw l-investiment fl-Ewropa"** bħala element ewlieni tal-isforzi tal-UE għall-promozzjoni tal-kompetittività u t-tkabbir.*

Huwa appella lill-Kummissjoni biex tanalizza modi biex tittejjeb il-klima kummerċjali fl-Ewropa, b'mod partikolari r-rabta ewlenija bejn l-investiment u l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali.

Huwa laqa' l-ħolqien ta' task force, ippreseduta b'mod konġunt mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Kummissjoni bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha, biex tanalizza l-ostakoli u t-tfixkil ewlenin għall-investiment u ppropona soluzzjonijiet prattiċi biex jingħelbu dawn l-impedimenti.

It-task force ser tidentifika proġetti ta' investiment potenzjalment vijabbli li għandhom jitwettqu fuq żmien qasir u medju. Din ser tistabbilixxi l-pedament għal sensiela ta' proġetti kredibbli u trasparenti biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE u l-potenzjal tat-tkabbir fuq żmien medju sa żmien twil.

Barra minn hekk, il-Kunsill issottolinja l-importanza li jiġu adottati arranġamenti finanzjarji u istituzzjonali innovattivi bil-ħsieb li jkompli jissaħħaħ ir-rwol katalizzanti tal-BEI u b'mod ġenerali saħaq dwar il-ħtieġa li l-azzjoni tal-BEI ssir aktar effettiva.

Il-BEI u l-Kummissjoni ser jirrapportaw dwar dawk l-oqsma ta' ħidma f'Diċembru.

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI 4

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

MIŻURI TA' APPOĠĠ GĦALL-INVESTIMENT 6

IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI BĦALA SORSI GĦAT-TKABBIR 9

SEGWITU GĦAL-LAQGĦAT FINANZJARJI INTERNAZZJONALI 10

RIŻOLUZZJONI BANKARJA - KONTRIBUZZJONIJIET MILL-BANEK 11

ĠLIEDA KONTRA L-EVAŻJONI TAT-TAXXA - SKAMBJU AWTOMATIKU TAL-INFORMAZZJONI 12

TASSAZZJONI FUQ L-ENERĠIJA 13

AFFARIJIET OĦRA 14

AVVENIMENTI FIL-MARĠINI TAL-KUNSILL 15

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Assigurazzjoni ta' indennizz: livelli minimi 16

– Taxxa fuq l-elettriku - Ġermanja, Svezja - Elettriku max-xatt 16

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

PARTEĊIPANTI

Belġju:	
Is-Sur Johan VAN OVERTVELDT	Ministru għall-Finanzi
Bulgarija:	
Is-Sur Dimiter TZANTCHEV	Rappreżentant Permanenti
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Andrej BABIŠ	L-Ewwel Viċi Prim Ministru għall-Ekonomija u Ministru għall-Finanzi
Danimarka:	
Is-Sur Morten ØSTERGAARD	Ministru għat-Tassazzjoni
Ġermanja:	
Is-Sur Wolfgang SCHÄUBLE	Ministru Federali għall-Finanzi
Estonja:	
Is-Sur Jürgen LIGI	Ministru għall-Finanzi
Irlanda:	
Is-Sur Declan KELLEHER	Rappreżentant Permanenti
Greċja:	
Is-Sur Gikas HARDOUVELIS	Ministru għall-Finanzi
Spanja:	
Is-Sur Luis DE GUINDOS JURADO	Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Kompetittività
Franza:	
Is-Sur Michel SAPIN	Ministru għall-Finanzi u l-Kontijiet Pubbliċi
Kroazja:	
Is-Sur Igor RAĐENOVIĆ	Viċi Ministru għall-Finanzi
Italja:	
Is-Sur Pier Carlo PADOAN	Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi
Ċipru:	
Is-Sur Kornelios KORNELIOU	Rappreżentant Permanenti
Latvja:	
Is-Sinjura Ilze JUHANSONE	Rappreżentant Permanenti
Il-Litwanja:	
Is-Sur Rimantas ŠADŽIUS	Ministru għall-Finanzi
Lussemburgu:	
Is-Sur Pierre GRAMEGNA	Ministru għall-Finanzi
Ungerija:	
Is-Sur Gábor ORBÁN	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Ekonomija Nazzjonali
Malta:	
Is-Sur Edward SCICLUNA	Ministru għall-Finanzi
Olanda:	
Is-Sur Jeroen DIJSSELBLOEM	Ministru għall-Finanzi
Awstrija:	
Is-Sur Hans Jörg SCHELLING	Ministru Federali għall-Finanzi
Polonja:	
Is-Sur Mateusz SZCZUREK	Ministru għall-Finanzi
Portugall:	
Is-Sinjura Isabel CASTELO BRANCO	Segretarju tal-Istat għat-Teżor
Rumanija:	
Is-Sinjura Ioana-Maria PETRESCU	Ministru għall-Finanzi Pubbliċi
Slovenja:	
Is-Sur Dušan MRAMOR	Ministru għall-Finanzi

Slovakkja:	
Is-Sur Peter KAŽIMÍR	Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Finanzi
Finlandja:	
Is-Sur Antti RINNE	Ministru għall-Finanzi
Svezja:	
Is-Sinjura Magdalena ANDERSSON	Ministru għall-Finanzi
Renju Unit:	
Is-Sur David GAUKE	Segretarju għall-Finanzi (Exchequer Secretary) għat-Teżor
Kummissjoni:	
Is-Sur Michel BARNIER	Viċi President
Is-Sur Jyrki KATAINEN	Viċi President
Is-Sur Algirdas ŠEMETA	Membru
Is-Sur Jacek DOMINIK	Membru

Parteċipanti oħrajn:	
Is-Sur Frank MOSS	Direttur Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew
Is-Sur Werner HOYER	President tal-Bank Ewropew tal-Investiment
Is-Sur Thomas WIESER	President tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju
Is-Sur Jens GRANLUND	President tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

MIŻURI TA' APPOĠĠ GĦALL-INVESTIMENT

Il-Kunsill iddiskuta miżuri li jappoġġaw l-investiment bħala parti mill-isforzi tal-UE għall-promozzjoni tal-kompetittività u t-tkabbir.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Kummissjoni rrappurtaw dwar il-ħolqien ta' task force biex jiġu identifikati proġetti u jiġu analizzati l-ostakoli għall-investiment fl-Ewropa.

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"Il-Kunsill

1. JIRRIKONOXXI li minkejja sforzi strutturali sinifikanti li saru mill-Istati Membri u titjib sinifikanti fil-kondizzjonijiet tas-suq finanzjarju, l-iżviluppi makroekonomiċi reċenti huma diżappuntanti bi tkabbir baxx fil-PDG u livelli għolja ħafna u persistenti ta' qgħad f'ħafna mill-Ewropa. JENFASIZZA l-urġenza biex jiġu implimentati aktar miżuri li jiżdiedu l-kompetittività u l-potenzjal tat-tkabbir Ewropew bil-għan li jissaħħu l-aspettattivi ta' prospetti ta' tkabbir ekonomiku futur. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar Aġenda Strateġika b'enfasi qawwija fuq l-impjiegi, it-tkabbir u l-kompetittività u fis-sejħa tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Awwissu għal progress rapidu fl-implimentazzjoni ta' dawn l-orjentazzjonijiet u biex tinbeda ħidma fuq dawn il-kwistjonijiet mingħajr dewmien.
2. JIKKONDIVIDI t-tħassib dwar it-tnaqqis tal-investiment pubbliku u privat fl-UE mill-bidu tal-kriżi finanzjarja u JISĦAQ li dan jista' jkun relatat ma' ħafna fatturi differenti, inkluża domanda aggregata insuffiċjenti f'xi Stati Membri, inċertezza makroekonomika ġenerali, rata baxxa ta' użu tal-kapaċità, tnaqqis fl-ingranaġġ fis-settur pubbliku u dak privat – dan tal-aħħar fil-kuntest ta' regolamentazzjoni aktar rigoruża dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji - restrizzjonijiet istituzzjonali, u impedimenti strutturali għall-investiment, l-impjiegi u t-tkabbir.
3. Fuq dan l-isfond, JISSOTTOLINJA li t-titjib tal-kondizzjonijiet kemm għall-investiment pubbliku kif ukoll dak privat huwa fil-qalba tar-rispons fil-livell tal-UE biex jiġi promoss il-potenzjal tat-tkabbir u tiġi sostnuta d-domanda. JENFASIZZA li l-politiki ta' investiment jinsabu f'intersezzjoni strateġika fejn jistgħu jinkisbu sinerġiji permezz ta' għodod differenti ta' politika. Il-kredibbiltà tar-riformi u l-fiduċja fir-rigward tal-prospetti ekonomiċi huma ingredjenti ewlenin biex il-politiki jaħdmu b'mod effettiv. Barra minn hekk, spiss l-investiment huwa transkonfinali u għalhekk jiġġenera riperkussjonijiet reġjonali/Ewropej pożittivi.
4. JILQA' t-tħabbira mill-President elett Juncker li ser jippreżenta inizjattiva għall-investiment fl-ewwel tliet xhur tal-mandat tiegħu.
5. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal livell għoli ta' ambizzjoni u ambitu wiesa' ta' azzjoni flimkien ma' diversi xejriet ta' ħidma li qed jirriżultaw mid-diskussjonijiet tal-Ministri u JILQA' l-ħidma tal-Kummissjoni u l-BEI, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, dwar azzjonijiet konkreti biex jiġi ffaċilitat l-investiment u jiġu identifikati r-restrizzjonijiet relatati.

6. JENFASIZZA, b’mod partikolari, bħala kondizzjoni ewlenija biex jitrawwem l-investiment, ir-rabta mar-riformi strutturali u l-importanza li jiġu identifikati, inkoraġġuti u implimentati riformi li jappoġġaw l-investiment biex tinħoloq fl-Ewropa kollha klima tan-negozju favorevoli, b’użu sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. JIRRIKONOXXI s-sinerġiji qawwija bejn l-investiment u l-aġenda tas-suq uniku u l-ħtieġa li jiġu sfruttati għal kollox sinerġiji bħal dawn. JILQA' l-ħidma tal-Kummissjoni biex tipprovdi analiżi minn madwar l-UE kollha dwar il-kondizzjonijiet ewlenin tal-investiment bħall-amministrazzjoni pubblika u suq tax-xogħol effiċjenti, ibbażata fuq il-valutazzjonijiet tagħha fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

7. JISĦAQ li l-għamla tan-nefqa pubblika għandha tkun orjentata aħjar lejn it-tkabbir, b'mod partikolari f'appoġġ għall-investiment. JIRRIKONOXXI, f’konformità mal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir, li finanzi pubbliċi sostenibbli għandhom rwol importanti fil-ħolqien ta' klima pożittiva għall-investiment. JISĦAQ li l-kwalità tan-nefqa pubblika f’oqsma bħar-Riċerka u l-Innovazzjoni hija kritika għall-klima tal-investiment.

8. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Finanzjament fit-Tul tal-Ekonomija Ewropea, JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġi promoss qafas regolatorju aktar favorevoli għall-investiment fit-tul u li tiġi żviluppata sistema finanzjarja aktar ibbilanċjata, inkluż permezz tad-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' finanzjament.

9. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu eżaminati miżuri inklużi r-rivitalizzazzjoni tas-suq għal titolizzazzjonijiet sempliċi u trasparenti, li japprofondixxu l-mezzi ta' finanzjament ibbażati fuq is-suq speċjalment għall-SMEs u jippromwovu d-diversifikazzjoni tas-sistema finanzjarja tal-UE permezz ta' aċċess imsaħħaħ għas-swieq tal-kapital, bħala parti integrali tal-pakkett ta' politika.

10. JILQA' l-istabbiliment ta' Task Force, immexxija mill-BEI u l-Kummissjoni u li tinkludi lill-Istati Membri, bil-ħsieb li ssir ħidma fuq miżuri konkreti sabiex tingħata spinta lill-investiment. Din ser tidentifika proġetti ta' investiment potenzjalment vijabbli ta' rilevanza Ewropea li jistgħu jiġu realizzati fil-perijodu qasir u medju u tistabbilixxi l-pedament għal sensiela ta' proġetti kredibbli u trasparenti biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE u l-potenzjal tat-tkabbir fil-perijodu medju sa fit-tul.

11. JAQBEL mal-ħtieġa li titqiegħed enfasi fuq is-setturi prinċipali bil-valur miżjud tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetittività u l-potenzjal ta' tkabbir tal-Unjoni, b'mod partikolari r-riċerka u l-innovazzjoni, l-ekonomija diġitali, l-infrastruttura tal-enerġija u t-trasport, l-infrastruttura soċjali u l-ambjent inklużi l-attivitajiet tal-SMEs u tal-kumpanniji b'kapitalizzazzjoni medja f'konformità mal-Linji gwida Politiċi mħabbra tal-Kummissjoni l-ġdida, biex b'hekk jingħata kontribut għat-tlestija sħiħa tas-suq uniku.

12. JILQA' l-fatt li t-Task Force ser tipprovdi ħarsa ġenerali tax-xejriet ewlenin tal-investiment u l-ħtiġijiet f'dawn is-setturi; tanalizza l-ostakli u r-restrizzjonijiet ewlenin għall-investiment; tipproponi soluzzjonijiet prattiċi biex jingħelbu dawk l-ostakli u r-restrizzjonijiet.

13. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tqis għażliet sabiex tiffoka aktar il-baġit tal-UE lejn investimenti produttivi u orjentati lejn it-tkabbir u tisfrutta b'mod sħiħ il-potenzjal tar-rwol katalizzanti tagħha; tikkunsidra li ttejjeb il-programmi tagħha ta' assistenza teknika; tikkunsidra li tirrazzjonalizza l-arranġamenti ta' governanza u l-mekkaniżmi tal-implimentazzjoni b'aktar inizjattivi konġunti mal-BEI; tibni fuq l-inizjattivi eżistenti, bħall-Bonds tal-Proġetti, abbażi tal-valutazzjoni tagħhom fil-futur qarib.

14. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu adottati arranġamenti finanzjarji u istituzzjonali innovattivi bil-ħsieb li jkompli jissaħħaħ ir-rwol katalizzanti tal-BEI, inkluż it-tisħiħ tas-sħubija finanzjarja fost il-BEI u l-Banek Promozzjonali Nazzjonali, bħall-istabbiliment ta' "Pjattaforma għal Investiment" komuni Ewropea u mezzi oħrajn kif jiġi mobilizzat il-kapital privat.

15. JISĦAQ dwar il-ħtieġa li l-azzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment issir aktar effettiva, inkluż permezz tal-isfruttament totali tal-kapaċità tiegħu li jġarrab riskju biex jiġi appoġġat l-investiment Ewropew fis-setturi ewlenin sabiex tingħata spinta lill-kompetittività u l-potenzjal tat-tkabbir, u jkompli jiġi estiż l-ambitu tal-għodod ta' finanzjament tiegħu, waqt li jkomplu jimtlew in-nuqqasijiet fis-suq ikkawżati minn frammentazzjoni finanzjarja u tiġi ppreservata s-saħħa finanzjarja soda tal-Bank. JENFASIZZA li għandhom jiġu kkunsidrati l-għażliet u l-inizjattivi kollha sabiex ir-riżorsi għall-investimenti jiżdiedu, inkluż bil-mobilizzazzjoni ta' riżorsi tal-BEI, kapital privat, u l-użu ta' linji tal-baġit eżistenti tal-UE.

16. JILQA' l-fatt li l-BEI u l-Kummissjoni ser jirrapportaw dwar l-oqsma ta' ħidma msemmijin hawn fuq deskritti fl-Ecofin ta' Diċembru."

IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI BĦALA SORSI GĦAT-TKABBIR

Il-Kunsill ħa nota ta’ komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala sorsi ta’ tkabbir imġedded.

Il-komunikazzjoni tinkludi proposti dwar kif jista’ jiġi sfruttat aħjar il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni bħala xprunaturi tat-tkabbir ekonomiku (*10897/14*).

Il-Kunsill Kompetittività huwa mistenni jadotta konklużjonijiet dwar is-suġġett fil-laqgħa tiegħu tal-4 u l-5 ta' Diċembru.

SEGWITU GĦAL-LAQGĦAT FINANZJARJI INTERNAZZJONALI

Il-Kunsill ħa nota tal-eżitu tal-laqgħat finanzjarji internazzjonali li saru f'Washington D.C. bejn id-9 u t-12 ta' Ottubru, jiġifieri:

– Laqgħa tal-ministri tal-finanzi u tal-gvernaturi tal-banek ċentrali tal-G20;

– laqgħat tal-FMI u l-Grupp tal-Bank Dinji.

Huwa ħa nota wkoll tal-eżitu ta’ laqgħa ministerjali tal-G20 li saret f’Cairns bejn id-19 u l-21 ta’ Settembru.

RIŻOLUZZJONI BANKARJA - KONTRIBUZZJONIJIET MILL-BANEK

Il-Kummissjoni aġġornat lill-Kunsill dwar it-tħejjija ta' leġislazzjoni ta' implimentazzjoni dwar kontribuzzjonijiet mill-banek għal fondi ta' riżoluzzjoni stabbiliti skont regoli ġodda tal-UE.

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet.

Il-banek ser ikollhom jagħmlu kontribuzzjonijiet annwali għall-fondi ta' riżoluzzjoni stabbiliti taħt id-Direttiva dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek u r-Regolament dwar il-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni. Il-kontribuzzjonijiet ser jiġu kkalkolati abbażi tal-obbligazzjonijiet tal-banek, minbarra l-fondi proprji u d-depożiti koperti, u aġġustati għar-riskju.

Il-Kummissjoni hija mistennija tadotta att delegat u proposta għal att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 103(7) tad-Direttiva u l-Artikolu 70(7) tar-Regolament, rispettivament.

Dawn ser jiddeterminaw kif għandhom jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet tal-banek. B'mod partikolari, huma ser jispeċifikaw kif ser jittieħed kont tar-riskju u x'għandha tkun ir-relazzjoni bejn il-kontribuzzjoni fissa (li l-banek kollha jridu jħallsu pro rata għad-daqs tagħhom) u l-kontribuzzjoni aġġustata għar-riskju.

L-att delegat ser jidħol fis-seħħ jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma joġġezzjonawx fi żmien tliet xhur. Kwalunkwe waħda minn dawn l-istituzzjonijiet tista' testendi dan il-perijodu bi tliet xhur oħra. Madankollu, id-dħul fis-seħħ jista' jsir qabel jekk iż-żewġ istituzzjonijiet jindikaw li mhumiex ser joġġezzjonaw.

Il-Kunsill ser jadotta att ta' implimentazzjoni abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni kkonfermat li ser tikkonkludi l-ħidma tagħha fuq iż-żewġ atti fl-aħħar ta' Ottubru. Bħalissa hija qed tikkonsulta mal-Istati Membri u l-Parlament biex jiġi żgurat li l-att delegat jista' jidħol fis-seħħ malajr ladarba jkun ġie adottat.

Id-Direttiva dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek ġiet adottata fis-6 ta' Mejju. L-Istati Membri għandhom sal-31 ta' Diċembru 2014 biex jittrasponuha fil-liġi nazzjonali[1]. Ir-Regolament ġie adottat fl-14 ta' Lulju, u ser ikun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2016[2].

[1] Ara l-istqarrija għall-istampa *9510/14*.
[2] Ara l-istqarrija għall-istampa *11814/14*.

ĠLIEDA KONTRA L-EVAŻJONI TAT-TAXXA - SKAMBJU AWTOMATIKU TAL-INFORMAZZJONI

Il-Kunsill qabel dwar abbozz ta’ Direttiva li testendi l-iskambju awtomatiku obbligatorju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, biex b’hekk ikunu jistgħu jiġġieldu b’mod aħjar l-evażjoni tat-taxxa u jtejbu l-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxi.

Il-proposta ġġib imgħax, dividendi u dħul ieħor, kif ukoll bilanċi tal-kontijiet u rikavati mill-bejgħ ta' assi finanzjarji, fl-ambitu tal-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni. Hija b'hekk temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni diretta.

L-għan tagħha huwa li jiġu rimedjati sitwazzjonijiet fejn kontribwent ifittex li jaħbi kapital jew assi li fuqhom hija dovuta t-taxxa. Dħul li ma jiġix irrappurtat u intaxxat qiegħed inaqqas b'mod konsiderevoli d-dħul nazzjonali potenzjali mit-taxxi. Il-frodi u l-evażjoni tat-taxxa transkonfinali saru punt fokali ewlieni ta’ tħassib kemm fl-UE kif ukoll fil-livell globali.

L-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni huwa mezz importanti għat-tisħiħ tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-ġbir tat-taxxi, u d-Direttiva l-ġdida għandha l-għan li tikseb dak l-objettiv.

It-test ser jiġi adottat f’laqgħa tal-Kunsill li jmiss mingħajr diskussjoni ulterjuri.

Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa *14185/14*.

TASSAZZJONI FUQ L-ENERĠIJA

Il-Kunsill kellu dibattitu dwar proposta biex tiġi ristrutturata t-tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u elettriku skont l-għanijiet tal-politika tal-UE dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima.

Il-Presidenza ppreżentat proposta ta' kompromess u nota ta' spjegazzjoni (*13814/14*) li jiddeskrivu l-kwistjonijiet ewlenin, inklużi:

– ir-rati minimi proposti;

– it-trattament tal-bijokarburanti;

– It-trattament tat-taxxa ta' installazzjonijiet koperti wkoll mill-iskema tal-EU ETS.

Filwaqt li nnotat il-pożizzjonijiet diverġenti tal-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet ewlenin koperti mill-proposta ta' kompromess, il-Presidenza indikat li l-Kunsill ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-futur.

Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni temenda d-Direttiva eżistenti dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija[1] sabiex jiġu promossi l-effiċjenza tal-enerġija u l-konsum ta' prodotti aktar ekoloġiċi. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha f'April 2011 (*9270/11*).

B'mod partikolari, il-proposta għandha l-għan li tiżgura trattament tat-taxxa koerenti tas-sorsi ta' enerġija bbażat fuq l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-kontenut enerġetiku, aktar milli l-volum. Hija tadatta l-qafas għat-tassazzjoni tal-enerġiji rinnovabbli.

Il-proposta tipprovdi qafas għall-użu ta' tassazzjoni tas-CO_2 li tikkomplementa l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS), filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjonijet. Taħt id-Direttiva attwali, l-enerġija hija intaxxata mingħajr ma jittieħed kont ta' jekk, f'każ partikolari, il-limitazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 tkunx diġà żgurata permezz tal-EU ETS.

Taħt id-Direttiva l-ġdida, it-tassazzjoni fuq l-enerġija tkun tikkonsisti minn żewġ elementi: Tassazzjoni relatata mas-CO_2 u tassazzjoni fuq il-konsum ġenerali tal-enerġija. Il-proposta tirrevedi l-livell minimu ta' tassazzjoni biex jiġu riflessi l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-kontenut enerġetiku, filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza fost diversi sorsi tal-enerġija. Bħalissa, xi prodotti tal-enerġija, b'mod partikolari tal-faħam, huma ppreferuti fuq oħrajn fit-trattament tat-taxxa tagħhom.

Deliberazzjonijiet pubbliċi: http://video.consilium.europa.eu/webcast.aspx?ticket=775-979-14949

[1] Id-Direttiva 2003/96/KE.

AFFARIJIET OĦRA

– ***Ħidma kontinwa fuq dossiers leġislattivi***

Il-Kunsill ħa nota tal-ħidma li għaddejja fuq id-dossiers dwar is-servizzi finanzjarji.

– ***Il-baġit tal-UE***

Il-Kummissjoni aġġornat lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni rigward pagamenti taħt il-baġit tal-UE. Hija ssottolinjat il-kwistjonijiet pendenti li jikkonċernaw il-baġit għall-2014 (abbozz ta' baġits emendatorji) u dak għall-2015.

AVVENIMENTI FIL-MARĠINI TAL-KUNSILL

Il-laqgħat li ġejjin saru fil-marġini tal-Kunsill:

– **Grupp tal-euro**

Il-ministri tal-Istati Membri taż-żona tal-euro attendew laqgħa tal-Grupp tal-Euro fit-13 ta’ Ottubru.

Huma ddiskutew il-programmi ta' aġġustament ekonomiku ta' Ċipru u tal-Greċja, is-sitwazzjoni ekonomika u l-pożizzjoni tal-politika fiskali; it-tħejjijiet tas-Summit taż-Żona tal-Euro li jmiss; u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet taż-żona tal-euro dwar it-titjib fl-investiment.

– **Laqgħa mal-ministri għall-finanzi tal-EFTA**

Il-ministri ltaqgħu mal-kontropartijiet tagħhom mill-pajjiżi tal-EFTA: l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera.

Huma ddiskutew il-kooperazzjoni fil-qasam tas-superviżjoni finanzjarja u r-regolamentazzjoni finanzjarja, kif ukoll il-prospett ekonomiku fl-Ewropa.

Intlaħaq ftehim dwar l-inkorporazzjoni fil-Ftehim taż-ŻEE ta' regolamenti tal-UE dwar l-awtoritajiet superviżorji Ewropej għas-settur finanzjarju. Il-ministri tal-UE u l-EFTA adottaw konklużjonijiet konġunti.

– **Dikjarazzjoni konġunta mal-Isvizzera dwar kwistjonijiet tat-taxxa fuq il-kumpanniji**

Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE u l-Isvizzera ffirmaw dikjarazzjoni konġunta dwar kwistjonijiet tat-taxxa fuq il-kumpanniji.

Id-dikjarazzjoni konġunta tistabbilixxi l-passi sussegwenti possibbli li għandhom jittieħdu dwar kwistjonijiet tat-taxxa fuq il-kumpanniji li huma ta’ tħassib komuni u li jistgħu potenzjalment jikkawżaw ħsara. Hija tesprimi prinċipji kondiviżi u l-intenzjoni politika kondiviża li jiġu solvuti dawn il-kwistjonijiet.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Assigurazzjoni ta’ indennizz: livelli minimi

Il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax għall-adozzjoni mill-Kummissjoni ta’ Regolament li jistabbilixxi l-ammont minimu għall-assigurazzjoni ta' indennizz professjonali jew garanzija paragunabbli li tkun miżmuma mill-intermedjarji tal-kreditu għal EUR 460 000 għal kull pretensjoni individwali u għal EUR 750 000 għal kull sena kalendarja għat-talbiet kollha.

Ir-Regolament huwa att delegat skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. L-att issa jista' issa jidħol fis-seħħ, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

Taxxa fuq l-elettriku - Ġermanja, Svezja - Elettriku max-xatt

Il-Kunsill adotta żewġ deċiżjonijiet li jawtorizzaw lill-Ġermanja u l-Isvezja biex ikomplu japplikaw, f’konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, rata mnaqqsa ta’ taxxa fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati f’port, dment li l-livelli minimi ta’ tassazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 10 jiġu rrispettati.

Permezz ta' din il-miżura, il-gvern Ġermaniż u dak Svediż għandhom l-għan li jippromwovu użu aktar mifrux ta' elettriku max-xatt bħala mezz li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent sabiex il-vapuri jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom għall-elettriku waqt li jkunu rmiġġati fil-portijiet, meta mqabbel mal-ħruq ta' karburanti tal-bastimenti abbord il-bastimenti. Id-derogi ser japplikaw mis-17 ta’ Lulju 2014 sas-16 ta’ Lulju 2020 għall-Ġermanja, u mis-26 ta’ Ġunju 2014 sal-25 ta’ Ġunju 2020 għall-Isvezja. Dawn jestendu deċiżjonijiet li skadew fil-ġurnata ta’ qabel id-dati ta' applikazzjoni l-ġodda.